**21 ta' Marzu, 1959**

**Imħallef :—**

**Onor. Dr. W. Harding, K.M., B.Litt., LL.D.**

Il-Pulizija

*versus*

Emmanuele Grech

**Provi — Xhieda — Awto-Inkolpazzjoni — Ksur tal-Ordni Publiku — Emerġenza — Tentattiv.**

*Il-kambjamenti li jagħmel l-imputat fid-depożizzjoni tiegħu, il-kontradizzjonijiet, aġġunti u żmentiti, meta wieħed iħares lejhom, kif għandu, fid-dawl ta' xhiedieт oħra, jammontaw għal awto-inkolpazzjoni; la ma jkunx il-każ ta' xi dettalji insinifikanti li kulħadd jista' inavvertitament jiżbalja fuqu, imma ta' ċirkustanzi sostanzjali, u dippjù ta' xorta tali li kien interess tal-imputat li jaħbihom biex jiskolpa ruħu. Min hu innoċenti ma jaqgħax f'kontradizzjonijiet u varjanti simili.*

*Il-liġi tal-emerġenza tipparifika l-atti preparatorji u t-tentattiv ta' ksur tal-ordni publiku għar-reat konsumat.*

Il-Qorti :— Rat l-imputazzjoni kontra l-imsemmi Grech quddiem il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta talli fis-27 ta' Frar 1959, fit-Tarzna tal-Maestà Tagħha r-Reġina, waddab ħwejjeġ u affarijiet oħra lil membri tal-Pulizija; barra minn dan, ġieb ruħu b'mod li kellu mnejn iġib ksur tal-paċi;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti taż-17 ta' Marzu 1959, li biha sabet lill-imputat ħati talli tefa' oġġett iebes kontra membri tal-Pulizija, u bl-istess atti tiegħu ġieb ruħu b'mod li kellu mnejn iġib ksur tal-paċi, u kkundannatu għall-piena tal-priġunerija żmien erbgħa xhur u għaxart ijiem;

Rat ir-rikors li bih l-imputat appella, u talab li s-sentenza fuq imsemmija tiġi revokata, u li hu jiġi liberat;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Il-kuntistabbli Anthony Galea, prodott mill-Prosekuzzjoni, xehed li dak inhar li sar l-istorbju fid-Dockyard, fiż-27 ta' Frar li għadda, hu kien mal-ewwel rinforz tal-Pulizija li daħal fid-Dockyard biex tiġi sedata r-rewwixta. F'ħin li fih il-Pulizija, pressata mill-folla ġejja mil-faċċata, kienet qegħdha tirtira, dan ix-xhud ra lill-imputat......;

Is-Surġent Camilleri kien ukoll fl-ewwel skadra li daħlet id-Dockyard dak inhar f'dik il-ġurnata, u xehed li......;

Ix-xhud kuntistabbli Gatt qal li......;

L-imputat għamel "statement" bil-miktub lill-Pulizija, dak fil-4 tal-proċess, eżibit mill-Ispettur Spiteri. Minbarra hekk, hu ta anki, fuq talba tiegħu, ix-xhieda tiegħu......;

Hu oltremodo ċar li dawn il-kambjamenti, kontradizzjonijiet, aġġunti u żmentiti, meta wieħed iħares lejhom, kif għandu jħares lejhom, fid-dawl tax-xhiediet tal-kuntistabbli Galea tas-surġent Camilleri, u tal-kuntistabbli Gatt, jammontaw prattikamnt għal awto-inkolpazzjoni. Dan ma hux il-każ ta' xi dettall insinifikanti, li kulħadd jista' inavvertitament jiżbalja fuqu, imma ta' ċirkustanzi sostanzjali, u dippjù ta' xorta tali li kien interess tal-imputat li jaħbihom biex jiskolpa ruħu. Min hu innoċenti ma jaqgħax f'kontradizzjonijiet u varjanti simili;

Jgħid il-Ferri (Difese Penali. Vol. I, p. 787) :— "La realtà è facile a ricordarsi ed a narrarsi sempre nello stesso modo, mentre le menzogne esigono un'intelligenza ed una memoria eccezionale per evitare le contraddizioni, e quindi non sono mai rettilinee e costanti . . . . " U aktar il-quddiem (p. 789) :— "La esperienza processuale dà infatti questo insegnamento costante, senza eccezioni. L'imputato innocente dice sempre la stessa cosa, dal primo momento sino all'altimo; potrà anche dire dei dettagli inesatti, ma dice sempre sostanzialmente la stessa cosa nella versione del fatto. L'imputato innocente, falsamente accusato, ha sempre un contegno rettilineo . . . . l'imputato

colpevole invece procede a zig-zag, cambia, si contraddice, cerca di rimediare alle menzogne fatte palesi, ha sempre un contegno sinuoso . . . . . ";

Għalhekk, kif sewwa osserva l-Maġistrat, ma hemm ebda raġuni biex il-Qorti tiskarta x-xhieda tal-kuntistabbli Galea;

Għandu jiġi osservat li, anki kieku kellu jingħad, "ex hypothesi", li l-imputat ma laħaqx tafa' lill-Pulizija dak li kellu f'idu, għax sorpriż mill-kuntistabbli Galea, l-istess hu tenut jirrispondi; għax il-liġi tal-emerġenza, fl-art 9 (e) u (f), tipparifika l-att preparatorju u t-tentattiv għar-reat konsumat;

Kwantu għall-piena irrogata mill-Qorti t'Isfel appena hemm bżonn jingħad li l-għemil tal-imputat ma għandux jitqies daqs kieku kien xi att iżolat, iżda bħala għemil, fis-sens tal-liġi, "likely to cause a breach of the peace", u bħala parteċipazzjoni kriminuża, anki għas-sens tal-art. 9(c) tal-liġi tal-emerġenza, fid-disturbi ta' dak il-ħin u f'aggressjoni poderuża tal-folla fuq il-membri tal-Pulizija bi tfiegħ ta' ġebel u ħadid; u dan minbarra l-fedina penali tiegħu fol. 3, b'reat reġistrat fiha ta' tfiegħ ta' ġebel fl-1952, u reat ieħor fiha reġistrat ta' insulti u reżistenza lill-Pulizija fl-1953;

Għal dawn il-motivi din il-Qorti ma ssib xejn x'tiċċensura fis-sentenza appellata, li tibqa' konfermata, u l-appell jiġi miċħud;

Mill-piena għandu jitnaqqas iż-żmien tal-arrest.